**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 491/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**George Lanzon**

Illum l-20 ta' April 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq George Lanzon ta' 52 sena, iben Romeo u Josephine nee' Farrugia, mwieled il-Pieta' nahr id-29 ta' Mejju 1963, resident gewwa 27, Triq it-Tahhan, Mosta u detentur ta' karata ta' l-identita bin-numru 313863M.

Billi int akkuzat talli b'diversi atti maghmula minnek flimkien ma persuna/i ohra, li gew maghmula fi zminijiet differenti, pero li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe;

1) Talli matul ix-xahar ta' Frar 2015 u ix-xhur ta' wara sa Mejju 2015, gewwa dawn il-gzejjer, flimkien ma persuna/i ohra, ikkommettejt serq ta' diversi prodotti tal-ikel, ghad-detriment ta' Anthony Azzopardi, Charles Azzopardi, Valhmor Borg Import Export Ltd u/jew persuna/i ohra, li il-valur taghhom jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centeżmu (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur, u dan bi skur ta' l-artikoli, 18, 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, xjentament xtrajt jew ilqajt ghandek oggett misruq u cioe diversi prodotti ta' ikel, mehud blyerq jew akkwistat bheat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu indhalt biex tbieghu jew tmexxih, liema oggett gej minn serq ikkwalitikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgah u ghoxrin euro u sebgha u tletin dentezmu (€2329.37), kif ukoll bil-persuna, u dan bi ksur ta' -artikoli 18, 267, 268 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija gentilhment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fl-proceduri hekkkif ikkkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-16 ta' Gunju 2015, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Settembru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-18 ta' Lulju 2019 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[4]:

a. Fl-artikoli 18, 31, 261(c), 267, 279(b), 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 18, 31, 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza ghall-artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 412C, 412D, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Folio 7 ta' l-atti processwali
[2] Folio 480-482 ta' l-atti processwali
[3] Folio 489 ta' l-atti processwali
[4] Folio 486 ta' l-atti processwali

Rat li matul is-seduta datata 2 ta' Settembru 2019, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-6 ta' Frar 2020.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-22 ta' Ottubru 2020.[6]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputat George Lanzon li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[5] Folio 489-490 ta' l-atti processwali
[6] Folio 604 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghall-perjodu ta' bejn Frar u Mejju 2015 meta kien gie rapportat lil-pulizija mill-kumpanija Valhmor Borg Import Export Limited li ghandhom suspett li fl-ahhar xhur kien hemm xi impjegat u klijenti li kienu qeghdin jisirqu minn gewwa l-kumpless ta' l-istess kumpanija. Illi gew innotati diskrepanzi fl-*stock* tal-kumpanija u meta gew ezaminati l-filmati mis-CCTV's tal-kumpanija gie osservat l-imputat bhala wiehed mill-persuni involuti f'dan is-serq.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2015 **l-Ispettur Robert Said Sarreo**[7], stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar, xehed li fil-21 ta' Mejju 2015, certu Kenneth Borg Caruana fil-kapacita` tieghu ta' *General Manager* ta' Valhmor Borg Import Export Limited ghamel rapport fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar dwar il-fatt li kienu qed isibu ammont ta' diskrepanzi fl-*istock taking* taghhom u kienu qed jissuspettaw li kien hemm xi haddiema li jista' jkun qed jiehdu xi affarijiet minn taht. Il-hanut koncernat kien Miracle Foods. It-Tnejn ta' wara kienet saret laqgha fejn Kenneth Borg Caruana kien ipprovda informazzjoni fejn qed jissuspetta f'haddiem li kien jisimhom Jonathan Abela u kif ukoll kien qed jissuspetta f'zewg klijenti, wiehed jismu Dean Tonna u l-iehor jismu George

[7] Folio 53-65 ta' l-atti processwali

Lanzon. Is-suspett qam wara li filmati CCTV kien jidher li dawn il-klijenti jiehdu ammonti konsiderevoli ta' prodotti, imma imbaghad skont iz-"Z Readings" jidhru ammonti ferm izghar. Fi kliem iehor, ikunu ttiehdu aktar prodotti milli jidhru fl-ircevuti. Il-lista provduta kienet turi li l-imputat George Lanzon kien mar tmien darbiet, ha diversi prodotti tal-ikel u dan ma kienx hallas ghalihom. Huwa kien jigi moghti l-prodott mill-impjegat Jonathan Abela. ix-xhud spjega li kien intalab mandat t'arrest fil-konfront tat-tlett persuni suspettati u meta gie nterrogat, Jonathan Abela ammetta mal-Pulizija li lil George Lanzon kien jafu minn qabel u kien sar ftehim bejniethom fejn il-prezz tal-prodotti mahruga minn taht jinqasam bejniethom, jigifieri George Lanzaon ihallsu nofs il-valur taghhom u n-nofs l-iehor jiffrankahom. Fl-ahhar tax-xahar, Abela kien imur jigbor il-flus mill-hanut ta' George Lanzon. Mill-benda l-ohra, meta gie nterrogat, l-imputat dejjem innega li kellu xi ftehim ma Jonathan Abela u qal li meta huwa kien imur jixtri l-prodotti ghall-hanut tieghu, kien jigi Jonathan Abela fuqu u jgiblu *trolley* mghobbi affarijiet u jghidlu "dawn tuzahom ghal li jista' jkun?". L-imputat kien jghidlu iva imma li dak il-hin "m'ghandix flus fuqi" u allura Jonathan Abela kien imur jigbor il-flus wara mill-hanut ta' Lanzon. Ix-xhud spjega kif huwa kien staqsa lill-Lanzon ghall-ircevuti ta' dawn il-hlasijiet imma Lanzon wiegeb li kellu hafna ircevuti differenti izda ta' dawk il-granet fejn inxtaw dawk il-prodotti ircevuta ma kienx hemm u li huwa ma kienx jaghti kaz ghall-ircevuti diment li l-prezz jaqbel. Lanqas ma kien jiccekkja d-deskrizzjoni tal-prodotti. Skont ix-xhud. Il-valur tal-prodotti involuti jlahhaq qrib is-€7,000. Lanzon kien ta stqarrija wara li ghazel li jikkonsulta mal-avukat Dr Dean Hili. Ix-xhud stqarr ukoll li wara li huwa kien interroga lil Dean Tonna, dan kien ammetta li kellu ftehim simili ma Jonathan Abela izda f'dak il-kaz, l-ammont involut kien hafna anqas, u cioe` vicin €500. In kontro-ezami, ix-xhud qabel li sa fejn jaf hu, l-imputat me kellux kontroll fuq dak li kien jitnizzel fuq iz-Z Reading tas-sistema tal-cash u stqarr ukoll li skont ma jaf hu, l-oggetti in kwistjoni kienu

jigu mghoddija lill-imputat minn Jonathan Abela u ma kienx kaz fejn imur jiehu l-affarijiet hu. Eskluda ukoll li mill investigazzjonijiet tieghu kien irrizulta li kien hemm xi forma ta' konnessjoni fejn l-imputat George Lanzon u Dean Tonna.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2015 xehed ukoll **Kenneth Borg Caruana**[8], General Manager ta' Valhmor Borg Import Export Limited kkonferma li f'Mejju 2015 huwa kien ghamel rapport fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar dwar suspett li kien hemm serq a detriment tal-kumpannija, liema suspett qam minhabba li kien qed ikun hemm shortages fl-istock. Wara li saru investigazzjonijiet permezz tas-CCTV, deher li kien hemm xoghol li beda u ma kienx qed jigi *invoiced* kollu jew in parti.
Mill-filmati kien vizibbli x'tip ta' xoghol kien hiereg u dan imbaghad gie mqabbel mas-sistema u rrizulta li ma kienx hemm fatturi li jkopruhom. Dan kien pjuttost facli li jsir minhabba li l-hanut in kwistjoni, li huwa Miracle Foods, normalment ma tantx ibiegh bil-kaxxi imma b'ammonti izghar u dan li kien qed jonqos kien kaxxi u mhux pakketti sfuzi. Di piu`, bl-esperjenza, wiehed ikun tghallem bl-amment liema kaxxi huma ta' xiex. Ix-xhud spjega li s-sistema CCTV tirrekordja fuq is-*servers* tal-kumpannija u huwa kien meghjun fl-ezercizzju li ghamel minn impjegat li jismu Rennie Cassar. Spjega ulterjorment li fil-filmati jidher impjegat tal-kumpannija li jismu Jonathan Abela li kien johrog ix-xoghol permezz ta' trolley li kien ikun f'parti mill-bini li kien *blind spot* tal-kamera. Li kien jidher kien it-trolley hiereg u eventwalment jitghabba fil-karozza tal-klijent, f'dan il-kaz l-imputat. Skont ix-xhud, mic-cirkostanzi huwa jemmen li jista' jkun li x-xoghol kien ikun sahansitra ppreparat minn qabel fuq it-trolley. Ix-xhud rega' ha l-pedana fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2015 fejn huwa ezebixxa ghadd ta' dokumenti illi intuzaw fil-kors tal-investigazzjoni dwar id-diskrepanzi fix-xoghol in

[8] Folio 66-77 u 99-104 ta' l-atti processwali

kwistjoni u spjega li l-kaxxier Jonathan Abela kien qal li ntilfu xi ricevuti u ghalhekk talab li jsiru *re-prints*. Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2019, ix-xhud spjega li l-figuri jidhru fid-dokument ezebit a Fol 87 u 88 jirrapprezentaw il-prezz kemm prodott jinbiegh mill-hanut u mhux kemm jigi jiswa lill-kumpannija u prometta li jezebixxi dokumenti ulterjuri li jindikaw il-*cost price*. Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020 fejn ikkonferma li l-*cost price* tal-prodotti in kwistjoni huwa ta' €3,940 u ezebixxa dokument relattiv filwaqt li kkonferma illi l-*workings* relattivi kien ghamilhom huwa stess. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li dak il-valur jirrapprezenta l-valur tal-prodotti li mill-*istock take* irrizultaw li kienu hargu minghajr ma nharget fattura relattiva. Filwaqt li ma eskludiex li bejn Jannar u Mejju 2015 jista' jkun li l-kumpannija rceviet xi pagamenti minghand l-imputat huwa afferma li dawn il-pagamenti zgur ma jistax ikunu fir-rigward tax-xoghol li ma kienx kopert b'fattura. Mistoqsi jekk jistax jaghmel rintraccjar tal-pagament li rcieviet b'cekk il-kumpannija, ix-xhud stqarr li dan possibbli imma jinhtieg li jigi provdut bic-*cheque numbers* relattivi.

Fis-seduta tas-27 ta' Awwissu 2015 xehed **Rennie Cassar**, impjegat ta' Valhmor Borg Import Export Limited li spjega li parti minn xoghol tieghu huwa fuq l-IT u jaghmel ukoll *stock control*. Huwa kkonferma li kien inghata lista ta' informazzjoni ta' dati u hinijiet u huwa ghamel *extraction* tal-filmati CCTV relattivi u imbaghad registrahom fuq CDs li imbaghad ghadda lill-imghallem tieghu Kenneth Borg Caruana.

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 xehed **Kurt Mahoney**, espert mahtur mill-Qoerti fejn huwa kkonferma li wara li analizza l-filmati provduti minn Valhmor Borg Import Export Limited huwa fassal rapport tekniku li ezebixxa fl-atti.

Fis-seduta tal-1 t'April 2019 xehed **Jonathan Abela**. Huwa stqarr li kien jahdem mal-kumpannija Valhmor Borg Import Export Limited u kien adett gewwa l-hanut tal-Marsa u kien kapaci jidentifika lill-imputat bl-isem "Geroge". Ix-xhud spjega li huwa kien instab hati li kien seraq prodotti tal-laham, liema prodotti huwa kien imbaghad ibieghhom lil terzi persuni, senjatament l-imputat u iehor li x-xhud qal li ma jistax jiftakar x'jismu. Skont ix-xhud, il-valur tal-prodotti mibjugha lill-imputat kien ta' madwar €400 li kienu fil-maggjor parti majjal, li huwa kien imur jigbru permezz tal-karozza tiehgu stess fi tlett okkazjonijiet. Ix-xhud spjega li apparti dawn l-affarijiet li kien "ibiegh" hu, l-imputat kien klijent regolari tal-hanut tal-Marsa u dan minhabba li ghandu xi hwienet tal-ikel. Il-flus migbura minghand Lanzon ma kienux jidhru fil-kont u kienu jingabru u jinzammu mix-xhud. Meta kien jigbor il-flus, ix-xhud kien jipprezemta rcevuta li tkun *re-print* mis-sistema tal-hanut. Mistoqsi jekk il-"klijenti" tieghu kienux jafu li l-prodotti kienu misruq huwa qal li x'aktarx iva u dan minhabba li l-prezz kien ikun baxx, bejn wiehed u iehor 80% tal-prezz normali. In kontro-ezami ix-xhud ikkonferma li l-ircevuta li kien johrog ma kienx ikollha isem tal-klijent fuqha u kienet tohrog mill-Valhmor Borg Import Export Limited.

Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2019 xehed **PS 624 Keith Mallan**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar li stqarr li huwa ma kellux involviment fl-investigazzjonijiet relatati mal-kaz minhabba li dawn kienu tmexxew esklussivament mill-eks Spettur Robert Said Sarreo.

L-imputat **George Lanzon** ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2020 fejn stqarr li huwa s-sid ta' erbat iħwienet, tlieta tal-ikel u wieħed tal-ħwejjeġ. Huwa spjega li matuel iz-zmien relevanti, u cioe` Frar u Marzu 2015, kien xtara prodotti minghand diversi importaturi fosthom Valhmor Borg Import Export Limited, li kien ilu jahdem bihom ghal madwar

25 sena. Gara li kien iltaqa' ma certu Jonathan Abela li kien qed jahdem hemm. Skont l-imputat dan Abela kien irabbi t-tigieg u kien hemm okkazjonijiet fil-passat li kien jixtri minghandu. Gara li meta Abela kien ser izarrma minn dak in-negozju, kien beghlu konsenja tigieg frizat li wara rrizulta li kien kollu maqtugh. Minn dak iz-zmien kien inqata' l-kuntatt bejniethom. Skont l-imputat l-irwol ta' Abela fil-hanut kien "kollox f'idejh" fis-sens li trid taghmel l-ordni mieghu, igiblek ix-xoghol, joħrog ix-xoghol mill-friza u jqabbad in-nies biex jimlew il-*fridges*. L-imputat kien jaghmel l-ordni ma Abela matul il-gurnata ta' qabel u l-ghada kien imur u jsib kollox lest minhabba li kien ikun mghaggel biex jiftah il-hwienet. Bhala hlas, kien ihallas tal-ordni kemm permezz ta' cekk kif ukoll cash u kien jinghata ircevuta. Skont l-imputat, ghal perjodu ta' dsatax-il gimgha kellu 52 ircevuta li jammontaw mat-€13,500. Gieli kien hemm okkazjonijiet fejn l-imputat ma kellux bizzejjed flus fuqu u Abela kien imur jigbor il-kumplament mill-hanut tal-imputat. Hawnekk l-imputat iccara li huwa dejjem hallas kontra ricevuta u qatt ma ta flus lil Abela li ma kienux hekk koperti, specjalment tenut kont tal-fatt li lil Abela ma tantx kien jafdah minhabba l-episodju tat-tigieg maqtugh. Skont l-imputat, huwa dejjem inghata ricevuti fil-forma ta' karta A4 u qatt ma gie moghti xi *chit* tal-*cash register*. Il-fizjonomija tal-ircevuti moghtija minn Abela kienet identika ghal dawn li l-imputat gieli gie moghti mill-hanut fis-sens li kellhom l-istess kontenut, numru tal-VAT u l-istess arma tal-kumpannija. Innega katergorikament li qatt kien stieden lil Jonathan Abela sabiex jghaddilu xi prodotti minn taht. Fir-rigward ta' kif kien jitghabba x-xoghol fil-karozza tieghu, l-imputat irrimarka li huwa dejjem kien jipparkja fil-*parkings* ta' hdejn il-hanut ezatt u li kieku kellu x'jahbi, seta' pparkja barra l-mina fejn zgur ma jkunx hemm cameras.

L-imputat irrefera ghall-fatt li huwa kien ipprezenta tlettax-il cekk li b'kollox jammontaw ghal €6,527 liema cekkijiet kien ssarrfu minn Valhmor Borg

Import Export Limited. Dawn ic-cekkijiet kienu nhargu bejn Jannar u Mejju 2015. F'Mejju l-imputat kien talab ghal rendikont tal-*account* tieghu imma l-kumpannija ma kellhiex din l-informazzjoni minhabba li ma kienx infetahlu *account*. Semma episodji fejn gieli kellmu anke` Kenneth Borg Caruana meta kien ikun hemm xi prodotti ser jiskadu u kien joffrilu li jixtrihom bi skont gholi. L-imputat rega' tenna li dan kien isir minhabba li kellu relazzjoni kummercjali tajba hafna mad-dirigenti ta' Valhmor Borg Import Export Limited. In kontro-ezami, l-imputat stqarr li fiz-zmien in kwistjoni huwa kellu tlett hwienet tal-ikel, fosthom tal-*fried chicken* u tal-ikel Ciniz. Kien jonfoq medja ta' €600-€700 xoghol fil-gimgha minghand Valhmor Borg li kienu jintuzaw fil-hwinet kollha. Mistoqsi dwar xi xoghol li allegatament kien ihajjru jiehu Jonathan Abela u li ma jkunx parti mill-ordni originali, l-imputat qal li iva kien hemm okkazjonijiet fejn dan Abela kien prova jbieghlu xi affarijiet ulterjuri, kif wara kollox kien xoghlu bhala *salesman*, u l-imputat kien jixtri biss jekk ikun jaqbillu l-prezz, kif gieli kien hemm xi okkazjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[9] ta' l-imputat ittiehdet nhar id-29 ta' Mejju 2015, u cioe ftit wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Haz-Zabbar fl-ufficju ta' l-Ispettur Robert Said Sarreo fil-prezenza ta' PS 558 Patrick Attard u dan wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

[9] Dok RS1 Folio 78-80 ta' l-atti processwali

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ezercita dan id-dritt u ghamel kuntatt ma' l-avukat Dr. Dean Hili.[10]

Illi fl-istqarrija l-imputat George Lanzon ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu fuq kull pagna. Illi mill-istqarrija jirrizulta li l-imputat kien jaf lil Jonathan Abela u li jiggestixxi hanut bl-isem Golden Chop Sticks li jinsab il-Birkirkara, Kentish Fried Chicken il-Mosta u negozju iehor jismu Tasty Skewers il-Mosta wkoll.

Fl-istqarrija l-imputat jikkonferma li jaf lil Jonathan Abela bhala haddiem ghand Valhmor Borg kif ukoll qabel li kien beda jahdem hemm.

Fir-rigward tal-kwistjoni mertu ta' dan il-kaz, l-imputat spjega:

*"Irrid nghid li dawk l-affarijiet li kien jurini ma kontx inkun naf bihom u ma nkunx mort preparat biex nixtrihom. Hu kien jghidli li ma kinetx problema ghall-flus, li hu kien iffirma ghalih u li hu kien responsabbli ghalih u jien kont niehdu. Irrid nghid li jien ma kellix biza u kont naf li kullimkien cameras. Ghal flus ta' l-affarijiet l-ohra kien jigi il-hanut tieghi, jiddependi fejn kont inkun xoghol u jaghtini l-ircevuti bl-ammonti u nhallsu dak il-hin. Ir-relazzjoni tieghi ma Valhmor dejjem kienet tajba."*[11]

Meta kien ikkonfrontat dwar l-allegazzjoni fil-konfront tieghu li kellu ftehim ma Jonahan Abela biex certu affarijiet ma jhallasx ghalihom innega dan kollu.

*"Le mhux vera, jigifieri dan kien jaghmel hekk u jtini l-ircevuti?!. Irrid nghid li gieli offrili xi affarijiet skaduti jew damaged sahansitra anki zejt bin-nieqes jew tankijiet mawgin jew imtaqbin u kien jaghtini discount fuqhom. Ta' dawn ukoll kien jaghtini ircevuta. Dawn kienu jkunu bil-barka ta' Kenneth il-manager ukoll."*

[10] Folio 78 ta' l-atti processwali
[11] Folio 79 ta' l-atti processwali

Meta kien mistoqsi dwar jekk kienx hemm ftehim bejnu u Jonathan Abela biex l-affarijiet li jtih zejda kienx jigi l-hanut tieghu biex jithallas, l-imputat stqarr:

*"Iwa imma dejjem bl-ircevuta. Minghajr ircevuta jien ma kontx inhallas."*[12]

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk l-istqarrijia li ġiet rilaxxati mill-imputat hiex amissibbli u jistax ssir inferenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġiet rilaxxata l-istqarrijiet tal-imputat, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrija in kwistjoni kienitx konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa kien ingħata id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti huwa ghazel li ma juza. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att LI tas-sena 2016 li dahlet fis-sehh fit-28 ta' Novembru 2016.[13] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-

---

[12] Folio 80 ta' l-atti processwali

[13] Fit-28 ta' Novembru 2016

interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[14] li tirrigwarda l-ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) kienet esprimiet is-segwenti:

> *Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*
>
> *"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel l- interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*
>
> *Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi l-arrestat jingħata l- possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l- interogazzjoni. Għalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan*

[14] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*l-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi wiehed isib il-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[15] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata

[15] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.[16] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l-persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l-avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[17] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[18] fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju*

[16] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata 1-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali
[17] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018
[18] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali , illi ma jkunx għaqli – partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet konfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta tteħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[19]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[20]

F'dan il-kaz l-akkuzat ma nghatax l-opportunita' li jitkellem ma' avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[21] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni.*

[19] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[20] Folio 14 tas-sentenza
[21] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[22]

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[23]

Illi l-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza recenti ta' **Roderick Castillo vs Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**[24] fejn gie ikkonfermat li meta issir ezami dwar l-ammissibilita ta' l-istqarrija ghandu ssir ukoll ezami tal-proceduri kollha hekk kif indikat fis-sentenza **Beuze vs. Belgium**.

F'decizjoni ricenti **Morgan Onuorah v l-Avukat tal-Istat**[25] il-Qorti Kostituzzjonali stqarret li:

*"il-qrati domestici ma jistghux jippermettu li f'proceduri kriminali li ghadhom pendent jithallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bhala difett procedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-process kriminali kollu."*[26]

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputat, u tinsab konvinta li l-imputat ma kienx ben konxju jew imdorri ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Madankollu, hija ma tistax tinjora l-insenjamenti lokali u regonali f'dan il-qasam, u a bazi tal-istess insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul l-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju

[22] Folio 25 tas-sentenza
[23] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[24] Deciza 20 ta' Lulju 2020, Qorti Kostituzzjonali, S.T.O. Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 20/16
[25] Deciza 27 ta' Jannar 2021, Qorti Kostituzzjonali, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Mark Chetcuti, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18
[26] Folio 12 tas-sentenza

ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li l-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġu b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta l-istess stqarrijia u ma tqishiex bħala prova f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[27], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt,* <u>*bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali*</u>*, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas*

[27] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak …[ir-reat]… u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[28] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[29]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[30] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

[28] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[29] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[30] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[31] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[32]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

---

[31] deciz 5/12/1997

[32] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghall-provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

> *"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*
>
> *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*
>
> *Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*
>
> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[33] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli*

[33] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[34] gie kkunsidrat:

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

[34] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' serq**

Illi l-imputat huwa akkuzat tali ikometta serq ta' diversi prodotti ta' l-ikel minnghand Valhmor Borg Import Export Ltd, liema serq huwa aggravat bil-valur in vista li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37).

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq; jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[35].

Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

L-aggravju tas-serq kontestat f'dan il-kaz huwa elenkat fl-artikolu 261(c) tal-Kodici Kriminali li jinkludi l-aggravju tal-valur. Dan qed jissemma specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjoni tas-serq kif migjuba kontra l-imputat u li tinkorpora biss dan l-aggravju.

[35] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Il-valur jaggrava s-serq skond dak li jiddisponni l-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**Ikkunsidrat**

**Ir-reat ta' ricettazzjoni**

L-imputat tressaq skond l-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti gej min serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu, kif ukoll bil-persuna.*

Il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruqa b'qerq jew akkwistati b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[36] gie kkunsidrat li:

---

[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s-suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il-kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[37] gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-*

[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)

*ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[38]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[39] dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat gie ritenut:

*"L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub qerq jew akkwistat b'xi wiwhed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi…"*

L-istess Qorti tikkowota l-gurista **Franceso Antolisei** li jghid:

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

In olter l-gurista **Manzini** jghallem illi:

---

[38] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998

[39] Qorti tal-Appell Kriminali, S.T.O Prim Imhallef Emeritus V. De Gaetano, Deciza 25 ta' Ottubru 2002

*"Poiche' il denaro o le cose, che possono essero ogetto del delitto di ricetazzione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi 'ricettazzione' senza che il fatto si riconnetta ad un delitto anteriore."*[40]

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputat xjentement laqgha ghandu dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ma huiex prova sal-grad rikjest mill-ligi li suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

**Ikkunsidrat**

**Il-provi li tressqu ghal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet**

Mix-xhieda ta' l-eks-Spettur Robert Said Sarreo jirrizulta li Kenneth Borg Caruana fil-kapacita' tieghu bhala General Manager ta' Valhmor Borg Import Export Limited kien irraporta li kien qed jissuspetta fl-imputat, flimkien ma haddiem tieghu Jonathan Abela u klijent iehor, Dean Tonna, li kienu qeghdin jisirqu min-negozju tieghu billi jiehdu prodotti ta' ikel mil-hanut taghhom *Miracle* Foods u ma jhallsux ghalihom. Illi l-parte civile kien anke ghadda CCTV *footage* ta' kull gurnata fejn il-haddiem tieghu Jonathan Abela kien qed jghaddi l-prodotti ta' l-ikel lill-imputat.

L-Ispettur stqarr ukoll li:

*"Jonathan Abela ammetta ma' l-Pulizija li dan George Lanzon kien jafu minn qabel, ghal kemm kellhom xi disgwit bejniethom bi zmien George Lanzon kien saqsieh meta kien jigi jixtri, kien isaqsih jekk kien hemm xi haga ohra minn taht, dan qed nghidu ghal perjodu mill-bidu tas-sena lil hawn u Jonathan Abela waqa' ghat-tentazzjoni, qal li waqa' ghat-tentazzjoni u fil-fatt kien sar ftehim bejniethom bejn Jonathan Abela u l-imputat George Lanzon li jaghtih ammont ta' affarijiet, ammont ta' prodotti u l-prezz*

[40] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, VOume Nono, Folio 914

*taghhom jaqsmuh bin-nofs jigifieri jekk tah mitt ewro affarijiet, George Lanzon itieh nofs il-prezz u jitfahhom fil-but u n-nofs l-iehor jifrankahom."*[41]

Madankollu l-imputat dejjem innega dan kollu ma' l-Ispettur jew li qatt kellu xi ftehim ma' Jonathan Abela.

L-Ispettur stqarr li meta kien tkellem lis-susspettat l-iehor Dean Tonna kien ammetta wkoll li kellu dan l-istess ftehim ma Abela u Abela ammetta li kellu ftehim ma dawn iz-zewg klijient, cioe Tonna u l-imputat, biex jaghtihom il-prodotti u jzomm nofs il-flus fil-but.

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li l-imputat ma kellu ebda kontroll x'kien qed jitnizzel fuq iz-Z reading ta' dawn il-prodotti stante li ma kienx l-imputat li kien il-kaxxier li kien qed jiehu hsieb u per konsegwenza meta kien jinghata ircevuta ma kellux kontroll x'kien ikun hemm miktub fiha.[42]

Ix-xhud ikkonferma wkoll li fil-filmati tas-CCTV li gew ezaminati Jonathan Abela jidher li qed inewwel l-affarijiet lil-imputat.

Mix-xhieda ta' Kenneth Borg Caruana irrizulta li l-kumpannija bdew investigazzjoni interna wara li inutaw tnaqqis fl-*stock* tal-kumpannija. Minn din l-investigazzjoni interna, fejn ezaminaw ic-CCTV footages skoprew is-serq li kien qed issir bis-sahha ta' l-haddiem taghhom Jonathan Abela u l-imputat.

Ix-xhud spjega li *"kellna xoghol li beda johrog mill-kumpanija li ma kienx qed jigi invojsjat jew jekk ma kienx qed jigi invojsjat kollu, partijiet minnu ma kienx qed jigi invojsjat."*[43]

Minn ezami tas-CCTV *footage* x-xhud innota lil Jonathan Abela jitfa kaxxi tal-merkanzija fuq *trolley* f'parti fejn ma jinqabdux bil-*camera.* Kienu qed jigu mcaqalqin minn gol-*cold room* u jigu ppustjati go post fejn kien *blind spot* ghal-

---

[41] Folio 55 ta' l-atti processwali
[42] Folio 60 ta' l-atti processwali
[43] Folio 67 ta' l-atti processwali

*cameras* u mbaghad minn hemm hekk meta jigi l-klijent johrog mill-hanut u jitghabbew fil-karozza.[44]

Ix-xhud ikkonferma li l-persuni li kienu jidhru fil-*cameras* kienu *"normalment jidhru l-impjegat taghna ma' George."*[45]

Illi gie esebit dokument li biha jindika l-ammonti ta' ikel li kien qed jiehu l-imputat.[46] Illi dan id-dokument juri oggetti ta' ikel li kienu ittiehdu minn ghand l-imputat minn Marzu sa Mejju tas-sena 2015.

Ix-xhud Borg Caruana f'seduta tad-29 ta' Lulju 2015 ipprezenta ghadd ta' dokumenti[47] li jirapprezentaw ix-xoghol li hareg min-naha tal-kumpanija u x-xoghol li ma kienx hareg b'*invoices*. Illi x-xhud spjega li minkejja li x-xoghol kien hareg, *"kien hemm kaz meta gie invojsjat parti u kien hemm kazi fejn ma gie invojsjat xejn."*[48]

Il-Qorti rat is-CD esebit mix-xhud u minn hemm seta jigi kkonstatat l-movimenti u tragitt ta' certu prodotti fil-perjodu taz-zmien tar-reat.

L-istess xhud kien rega xehed nhar it-2 ta' Settembru 2019 fejn kien esebixxa d-dokument RSS5[49] li jirapprezentaw il-figuri ta' l-affarijiet li kienu nhargu mill-hanut jew minn ghand il-kumpanija li ma gewx mhallsa.

Fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2020 ix-xhud Kenneth Borg Caruana kien esebixxa dokument KBC1 u KBC2 li fihom jikkonferma li bhala *costings* fejn jikkoncerna l-imputat jitilghu tlett elef, disa' mija u erbghin.[50] Ix-xhud ikkonferma li bhala valur totali tas-serq ma setax jikkonfermah izda kien cert x'kien ittiehed mis-*stock take*.

44 Folio 73-74 ta' l-atti processwali
45 Folio 75 ta' l-atti processwali
46 Dok RS5, Folio 87 ta' l-atti processwali
47 Dok KBC1-KBC14, Folios 105-141 ta' l-atti processwali
48 Folio 103 ta' l-atti processwali
49 Folio 87-88 ta' l-atti processwali
50 Folio 505 ta' l-atti processwali

Mistoqsi in kontro ezami jekk kienx jaf dwar *invoices* li nhargu mill-imputat, ix-xhud stqarr:

*"Jekk, jekk kien hemm invoices minnhom li xtara, kien hemm dawk li hargu, dawk li hemm hemm huma zgur hargu minghajr ma saru invoices taghhom."*[51]

Ix-xhud ikkonferma wkoll li m'ghandux gharfien dwar xi cekkijiet li saru mill-imputat intestati lill-kumpanija Valhmor Borg.

Mix-xhieda ta' Rennie Cassar[52] jirrizulta li x-xhud kien jahdem bhala *stock controller* kif ukoll fuq l-IT fil-kumpanija Valhmor Borg Ltd. Fix-xhieda tieghu jikkonferma l-mod kif jigi operat is-server fejn issiru r-*recordings* tal-CCTV kif ukoll li kien hu stess li ikkonvertihom fuq ic-CDs u ghadihom lill-imghallem tieghu u li eventwalment gew esebiti fl-atti processwali ta' din il-kawza.

Mix-xhieda u r-rapport ta' l-espert mahtur Kurt Mahoney[53] irrizulta li l-espert analizza l-kontenut ta' seba' CDs li kienu originarjament esebiti bhala Dok RSS6. F'dawn il-*footages* kollha juru l-moviment ta' zewg persuni li dehru li kienu fil-fukar tal-*footage* kollu. Madankollu l-espert ikkonkluda li *"ma jistax dejjem jara ezatt x'hareg mill-istabbiliment, izda l-esponent hadem fuq il-kontenituri nnifishom u ghamel sommarju ta' dak kollu li hareg."*[54]

Fit-tabella 2.3 jirrizulta sommarju ta' dak kollu li kien hareg mill-istabilliment mahdumin gurnata, b'gurnata.[55] Bhala total jirrizulta li nhargu hames *trolleys* zghar bil-kaxxi, hames *trolleys* kbar bil-kaxxi, tlett *trolleys* kbar bil-*jerrycans*, kaxxa tal-*forklifter* bil-kaxxi u tlett kaxxi separati.[56]

---

[51] Folio 508 ta' l-atti processwali
[52] Folio 149-151 ta' l-atti processwali
[53] Dok KM1, Folio 190-340 ta' l-atti processwali
[54] Folio 331 ta' l-atti processwali
[55] Folio 223-225 ta' l-atti processwali
[56] Folio 225 ta' l-atti processwali

Illi dan huwa kollu ikkorborat mis-sensiela ta' *still images* li juru zewg persuni, l-imputat u persuna ohra, jikkordinaw il-movimenti ta' dawn il-prodotti minn gewwa u barra l-istabiliment.

Mix-xhieda ta' Jonathan Abela[57] irrizulta li l-imputat kien regolarment imur jixtri l-laham minn ghand l-istabilliment ta' Valhmor Borg Ltd fejn dak iz-zmien kien jahdem ghal-hwienet ta' l-ikel tieghu.

Fix-xhieda tieghu stqarr li kemm-il darba kien ibieghlu l-ikel irhas milli kien jiswa u kien izomm il-flus ghalih.

Meta kien mistoqsi dwar jekk il-klijent kienx ikun jaf b'din il-bicca xoghol stqarr:

*"Ifhem jien kont immur ghandhom, naghtihom ircevuta u kienu jhallsuni."*[58]

*"Kont intihom receipt jien. Issa r-receipt ma kenitx tkun taghhom. Kont nohrog receipt ohra jien."*[59]

Meta kien mistoqsi direttament jekk il-klijenti li lilhom kien ibiegh il-laham kienux jafu li dan il-laham kienx misruq wiegeb:

***"Xhud: Ifhem x'aktarx li kienu jkunu jafu. La inti qed ittihom prezz li mhux hu… li mhux hu…***

***Prosekuzzjoni: Mhux x'aktarx….jew iva jew le.***

***Xhud: Iva, kienu jafu hu. Il-prezz ma kienx mhux hu."***

Ix-xhud ikkonferma li f'dawn it-transazzjonijiet *"kont naqtghalhom twenty percent perezempju."*[60]

---

[57] Folio 466-472 ta' l-atti processwali
[58] Folio 470 ta' l-atti processwali
[59] Folio 471 ta' l-atti processwali
[60] Folio 471 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda ta' l-imputat**

Illi l-imputat, kif imsemmi aktar 'il fuq kien irrilaxxja stqarrija. Apparti l-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li b'mod volontarju jixhed fil-proceduri kontrieh.

Mix-xhieda tieghu jirrizulta li l-imputat kienu ilu hamsa u ghoxrin sena jixtri minnghand Valhmor Borg minghajr problemi. Fir-rigward ta' Jonathan Abela kien jafu minn zmien qabel ma beda jahdem ma' Valhmor Borg u li kien hemm zmien meta kien inqata' l-kuntatt bejniethom.

It-transazzjonijiet ghall-prodotti kien issir billi icempel minn gurnata qabel ghal-ikel li ghandu bzonn u l-ghadha immur jigborhom. *"Kont insib ix-xoghol tal-ordni li nkun ghamiltlu, kont nohodlu l-ammont tal-flus jew cekk jew cheque book tal-ammont tal-ordni li kont inkun ghamiltlu. Meta kien jonqosni xi affarijiet kont niehu l-flus biex nixtri l-affarijiet li kien jonqosni li ma kontx inkun ordnajtlu, kont insibu lest u nohrog."*[61]

L-imputat ikkonferma li gieli kien ihallas *cash* u gieli permess ta' cekk. *"Meta ma kienux iservuni l-flus kont, kien jigi ghall-flus biex jithallas."*[62] Abela kien dejjem jigi ghall-flus u kull darba itih ricevuta. Min-naha tieghu jghid li qatt ma ghamel hlasijiet minghajr ircevuta u l-ircevuti dejjem kienu ikunu bit-timbru tad-ditta ta' Valhmor Borg.

L-imputat ikompli jispjega li kien imur ghand Valhmor Borg bil-vettura tieghu u kien ihalliha ipparkjata fil-*parking area* li kellu bhala turija ta' kemm qatt ma kellu x'jahbi minn hadd u kellu l-ghazla li zzomm il-vettura tieghu barra mil-post.

---

[61] Folio 587 ta' l-atti processwali
[62] Folio 588 ta' l-atti processwali

L-imputat ipprezenta sensiela ta' cekkijiet[63] fl-ammont ta' sitt elef u hames mitt Euro li ssarfu minghand Valhmor Borg u tnejn u hamsin ircevuta ghall-perjodu ta' bejn Jannar sa Mejju.[64] L-imputat kien talab lill-kumpanija ghar-rendikont tax-xoghol li kien xtara, izda meta kien ghamillha irrizulta li l-kumpannija qatt ma kellhom *clients account* tieghu.

L-imputat tenna li kellu relazzjoni tajba mal-kumpannija, tant li meta gieli, minn zmien ghal zmien, *"kellhom xi prodotti jew ikunu ha jiskadu jew damages u kien icempilli, kien jghidli: 'George ejja ghax ghandna dawn. Forsi tuzahomlna.' Dejjem bl-ircevuta."*[65]

In kontro-ezami, l-imputat tenna li gieli kien imur bi flus ghal certu prodotti izda Abela kien joffrilu ohrajn bi prezzijiet kompetitivi. Kien ghal din ir-raguni li Abela kien sussegwentement imur ghandu ghall-hlas u ma kienx jaghtihomlu dak il-hin.

*"biex ikolli prezz ajhar minn ta' haddiehor kont nixtri minghandhom."*[66]

*"Jekk jien ezempju mort ghandi elf Euro, elf Euro u nfaqt sitt mija u tani xoghol b'hames mija ohra jew erba' mija jekk ikolli, li jkolli kont intih. Kien itini l-ircevuta full u mbaghad ghall-kumplament kien jigi il-hanut, kont incempillu kien jigi, hu kien joqghod il-Mosta, kien jigi ghall-flus u biex jithallas. Jiena dejjem tani l-ircevuta full. Hu kien responsabbli."*[67]

Il-fatt li, fi kliemu, kienu ilu hamsa w ghoxrin sena jixtri minnghand il-kumpannija ta' Valhmor Borg juri li kien jaf il-procedura normali tat-transazzjonijiet.

[63] Dok GL1, Folio 516-528 ta' l-atti processwali
[64] Dok GL2, Folio 529-580 ta' l-atti processwali
[65] Folio 594-595 ta' l-atti processwali
[66] Folio 600 ta' l-atti processwali
[67] Folio 600 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mil-assjem tal-provi migbura, il-prosekuzzjoni tistrieh l-iktar fuq dak li qal Jonathan Abela. Illi minn dak li qal dan ix-xhud, ma joffrix komfort dwar x'ftehim kien hemm, jew seta kien hemm bejnu u l-imputat sabiex jghaddilu l-prodotti misruqa. Ix-xhud Abela jibda billi jistqarr li l-klijenti in kwistjoni, inkluz l-imputat, x'aktarx kienu jafu u meta kien pressat ghal twegiba cara jghid li l-imputat kien jaf minhabba l-fatt li l-prezzijiet kienu tant orhos. Madankollu, minn dak li jghid ix-xhud Abela, l-iskont kien ta' madwar ghoxrin fil-mija.

Dan ir-ragunamanet ma jaghtix komfort lil din il-Qorti li kien hemm ftehim car u intenzjonat bejn Abela u l-imputat li kien ser jghaddilu prodotti misruqa ghall-beneficcju tieghu.

Fil-fehema ta' din il-Qorti, il-prosekuzzjoni ma wrietx b'mod car li Abela kien ghamilha cara u wera b'mod car lill-imputat li dawn il-prodotti kienu misruqa u li dik kienet ir-raguni ghalfejn kien qed jghaddilhomlu b'dak il-mod. Iktar minn hekk il-prosekuzzjoni ma ppruvatx kif l-imputat kien qed *jisraq* lil Valhmor Borg. Irrizulta mill-provi li l-imputat kien qieghed ihallas ghal dawn il-prodotti u li minkejja li l-prezz kien iktar baxx, ma tressqux provi ta' kif is-serq kien qed isir ghad-dannu ta' Valhmor Borg. Bhal donnu l-unika 'prova', jekk wiehed jista' jsejhilha hekk, li kien hemm xi serq, kien il-fatt li l-imputat kien qed jiehu l-prodotti minghand Abela, u li dan Abela assuma li l-imputat kien jaf x'qed jigri minhabba l-prezzijiet aktar baxxi li bihom kien ibieghlu x-xoghol.

Id-difiza ta' l-imputat ittenni li x-xhieda ta' Abela maghduda ma dan kollu ma tistax tigi qatt ikkunsidrata bhala wahda *safe and satisfactory* in vista tal-mod vag u l-assunzjonijiet li jaghmel. Di piu', il-prosekuzzjoni ma ressqitx ix-

xhieda ta' Dean Tonna li setghet tikkorrobora x-xhieda ta' Abela u b'hekk jigi provdut aktar kjarifika dwar dak li qed jghid.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti din il-Qorti tqis li meta taghrbel u taghti piz il-provi kollha li gew imressqa jibqghu certu dubji u nuqqasijiet li ma jaghtux lil din il-Qorti il-konvinciment mehtieg li l-grad tal-prova f'dawn il-proceduri gie soddisfatt. Dan jista' jinghad aktar u aktar fir-rigward tal-element formali tar-reati li bihom gie mixli l-imputat. L-assunzjoni u x-"x'aktarx" li jsemmi x-xhud Jonathan Abela certament li mhumiex bizzejjed sabiex din il-Qorti ssib htija.

Illi sabiex jintlahaq il-grad rikjest, il-Qorti thoss li kellu ikun hemm aktar provi cari u diretti, u jekk xejn, kwalunkwe provi indizjarji iridu xorta wahda jipprovdu certu serhan u inekwivokabilita' sabiex il-Qorti tkun tista' tistrieh fuqhom.

Illi a skans ta' ripetizzjoni, dan qed jinghad ukoll fir-rigward tar-reat ta' ricettazzjoni, fejn anke f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni ma gabitx dik il-prova mehtiega lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat kien *xjentement* qed jilqa' ghandu hwejjeg misruqa.

Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat miz-zewg imputazzjonijiet imressqin kontrih.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 261(c), 267, 279(b), 284, 285, 18, 31, 334(a), 279(b), 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 31, 532A, 532B, 533, 412C, 412D, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil George Lanzon mhux hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tiliberrah minn kull htija u piena dwarhom.

**Moghtija illum nhar l-20 ta' April 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**